MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 31/2001/1

Elmo Insurance Agency Limited – bħala rappreżentanta tas-soċjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc ċessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-soċjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Muscat (Abate Rigord Street, Ta' Xbiex), u l-istess Joseph Muscat (St. Rita, Triq il-Wasliet, Swieqi, Malta) .

vs

Mario Grima .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi inti unikament responsabbli għall-inċident stradali illi ġara fid-29 ta' Novembru, 1999 bejn il-vettura TFB misjuqa minnek; u daik IBA 015 misjuqa minn Karen Muscat, u proprjeta' tal-attur Joseph Muscat, f'Saint

Andrews; u prevja wkoll il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-inċident imsemmi fl-ammont ta' sitt mija wieħed u sittin lira maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm661.71c); kwantu għal mija u hamsin lira maltin (Lm150) danni, sofferti minn Joseph Muscat, u hames mija u hdax-il lira maltin u wieħed u sebgħin centezmu (LM511.71c), minn Elmo Insurance Agency Limited tiġi kundannat tħallas lill-atturi din l-istess somma kif hekk likwidata .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru, 1999 kontra tiegħek .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi għall-inċident tat-traffiku de quo hija unikament responsabbli Karen Muscat, is-sewwieqa tal-vettura IBA 015 .

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tal-14 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tad-danni kkaġunati fuq il-karozza ta' l-assikurat tagħha in segwitu għall-kolliżżjoni deskritta fl-Avviz . Il-konvenut qed jikkontesta l-ħtija u jattribwiha lis-sewwieqa tal-vettura l-oħra .

Dan l-inċident stradali ġara fi triq prinċipali traffikuża . Is-sewwieqa kienu t-tnejn għaddejjin fl-istess direzzjoni. Lis-

surġent li nvestiga l-każ, *a tempo vergine,* **Karen Muscat** li kienet qed issuq il-karozza ta' missierha, l-assikurat Joseph Muscat, spjegatlu li : "… *she was with the indicators on to turn to Triq il-Libra . At that time car no. TFB480 swerved from her back to her front and collision occurred*." Il-konvenut qallu li : "… *he was driving on the outer lane and car IBA 015 started to overtake him from inside . At that time collision occurred*."[1]

Fl-istess okkorrenza l-ħsarat fuq il-vetturi rispettivi ġew deskritti bħala : "*front bumper - slight*", dawk fuq il-vettura IBA 015 u bħala "*left side dented -slight*", dawk fuq il-vettura TFB 480[2] .

Mill-iskizz ta' l-inċident redatt mis-surġent (illum Spettur) Kevin Farrugia[3], li kif ammess mhix *to scale*, jiġi nnotat illi :

1. kienet nieżla ħafna xita dak il-ħin, (dan ġie wkoll dikjarat mill-Ispettur fid-depożizzjoni tiegħu) ;
2. tidher *central strip* tal-concrete tiddividi t-triq u ftit aktar 'l quddiem hemm *single broken white lines* immarkati fl-art ;
3. il-karozza misjuqa minn Karin Muscat tidher dritta tħares fid-direzzjoni tat-triq tas-Salini; il-ħsara tidher, immarkata bl-linja skura fuq il-*bonnet* ta' quddiem tal-karozza; jidher ukoll *bumper* fl-art ;
4. il-karozza misjuqa mill-konvenut, għalkemm fl-istess direzzjoni, tidher inklinata iżjed lejn ix-xellug; il-ħsara tidher fuq il-bieba tal-passiġġier ;
5. hemm karreġġjata waħda biss, għalkemm pjuttost wiesa, fil-parti tat-triq li kienu għaddejjin fiha ż-żewġ sewwieqa .

Fid-depożizzjoni tagħha Karin Muscat kompliet elaborat fuq dak li kienet qalet *a tempo vergine*, u peress li kellha l-intenzjoni tikser fuq il-lemin tagħha biex taqsam it-triq u tidħol fi Triq il-Libra biex tmur fl-inħawi tal-Villa Rosa : " ….

---

[1] Ara kopja ta' l-okkorrenza relattiva esebita bħala Dok. EI 1 a fol. 37 tal-process .
[2] ibid. a fol. 62v .
[3] kopja esebita a fol. 64 .

*Xegħlet l-indicators sabiex nuri l-intenzjoni tiegħu illi nagħmel dan, u ġbidt kemm jista' jkun lejn in-nofs tat-triq . Ma niftakarx illum, peress illi għaddew aktar minn sentejn mid-data tal-inċident, jekk ħaristx jew le mill-mirja tal-vettura tiegħi qabel ma bdejt nikser . Naf illi quddiemi ma kienx hemm vetturi oħra . Eżattament kif bdejt nikser fuq il-lemin tiegħi ġiet il-vettura l-oħra minn warajja u laqtitni fuq il-bumper u l-mudguard ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tiegħi.*"[4]

Il-konvenut ma kienx daqstant preċiż fid-deskrizzjoni tiegħu ta' kif seħħet din il-kollizzjoni, u bl-iskuża li kien għadda ż-żmien qal biss illi kien : " … *miexi mal-linja dritt u fis-siegħa u l-ħin nisma' daqqa fuq wara, bum …. imma jien naħseb li qalgħet fuq ġewwa, għamlet l-indicator u kisret fuqi*.[5]

Dwar in-manuvra ittentata minn Muscat, il-**Highway Code** jispjega illi għandhom jittieħdu dawn il-prekawzjonijiet :

***77. " … If you wish to turn to the right, steer your vehicle as much as it is prudently possible to the centre of the road without, however, encroaching on the other half of the road . Do not swing out to the right before turning left, or vice-versa .***

***79. When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror . Make sure that your direction indicator gives the signal intended and it is cancelled immediately after use .***

***85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."***

---

[4] ara affidavit taghha Dok. KM a fol. 31 .
[5] ara depożizjzoni tal-konvenut a fol. 39 .

Dawn il-prekawzjonijiet jidher illi Muscat kollha ħadithom, għalkemm mhux ċert jekk ħarsitx ġol-mera biex tara min kien ġej minn warajha .

Għalkemm il-konvenut isostni li Muscat ipprovat taqalgħu minn ġewwa u tagħtu d-daqqa minn wara, ċ-ċirkostanzi xejn ma jaqblu ma din il-verzjoni tiegħu . Qabel xejn hu stess jammetti fid-depożizzjoni tiegħu li jaf li Muscat kellha l-indicator mixgħul, u allura raha ser tibda ddawwar lejn il-lemin . L-istess pożizzjoni tal-vettura tagħha tindika illi hija kienet fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġjata x'ħin seħħet il-kolliżżjoni uma setgħetx qalgħetu minn ġewwa . Anke l-ħsarat fil-vetturi rispettivi, u partikolarment id-*dent* fil-ġemb tax-xellug tal-karozza tiegħu, jindikaw illi l-konvenut taha d-daqqa hekk kif wara li ssorpassaha minn naħa ta' barra, ipprova jerġa' jidħol fil-karreġġjata proprja tiegħu. Dwar din il-manuvra tal-konvenut l-istess Highway Code jesiġi li m'għandux ikun hemm *overtaking* : "***74 ... when approaching (ii) a road junction***", kif appuntu għandna fil-każ in eżami ; ***"(iv) when there is a long stream or a convoy of vehicles ahead of you or a vehicle which is itself already overtaking or if overtaking is otherwise dangerous or difficult for the time being."*** Ma ninsewx illi kienet ix-xita wkoll u għalhekk il-konvenut kellu joqgħod iżjed attent qabel iżid il-veloċita' biex jipprova jaqla' lil Muscat . Il-fatt illi l-istess Muscat spjegat fid-depożizzjoni tagħha illi rat il-karozza tal-konvenut "*tisswervja*" biex tidħol quddiemha,[6] jindika li l-konvenut tilef ukoll xi ftit il-kontroll tal-vettura tieghu .

Jirriżulta għalhekk illi, filwaqt illi Karen Muscat ħadet il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma ttentat il-manuvra tagħha biex taqsam il-triq prinċipali biex tidħol f'waħda sekondarja, minn post fejn kien konsentit lilha li tagħmel hekk (minn fejn appuntu kien hemm il-*broken white line*), il-konvenut ġej minn warajha, nduna li kienet ser tagħmel din il-manuvra u madankollu, ippretenda li jilħaq jaqlagħha minn barra, billi anke jidħol fil-kareġġjata

[6] ara xhieda tagħha in kontro-ezami a fol. 65 – 79 .

tal-vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta,[7] sakemm hi kienet qed tistenna l-mument opportun biex taqsam, u dan bix-xita nieżla sew, fejn allura kien jenħtieġ li jkun ferm aktar prudenti. Għalhekk għal din il-kolliżjoni jaħti il-konvenut waħdu, li konsegwentement irid jagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkaġunati .

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat id-dokumenti kollha in konnessjoni mad-danni reklamati[8] . Dawn ġew imfissra fid-dettal minn Joseph Mula, impjegat fil-Claims Department tas-soċjeta' attriċi[9] . Hu jinkludu kemm il-ħsarat fil-karozza ta' Joseph Muscat, l-assikurat tas-soċjeta' attriċi, kif ukoll dawk li kellu jħallas l-istess Muscat minn butu per konsegwenza ta' din il-kolliżżjoni . Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta dawn il-kontijiet u din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex taċċettahom bħala li tassew jirrapreżentaw l-ispejjeż inkorsi minnha u minn sid il-vettura misjuqa minn Karen Muscat in segwitu għal din il-kolliżżjoni u li jirriflettu l-ammonti ndikati fl-Avviż .

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-kolliżżjoni deskritta fl-Avviż, tillikwida d-danni kkaġunati lill-atturi bejniethom fis-somma ta' sitt mija sitta u sittin lira maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm661.71) u konsegwentemnet tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħames mija ħdax-il lira maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm511.71) u lill-attur Joseph Muscat is-somma ta' mija u ħamsin lira maltija (Lm150), rappreżentanti d-danni kkaġunati lill-atturi, minħabba l-istess kolliżżjoni .

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] ibid .
[8] ara Dokti. Ric.1 sa Ric. 10 .
[9] ara affidavit tieghu a fol.17 .